MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 377/2005/1

**Antoine Vassallo ezercenti n-negozju Antoine Vassallo Auto Dealer**

**vs**

**Anthony u Theresa konjugi Scicluna**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Ottubru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ elf mitejn u sitta u sittin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,266.43c) rapprezentanti l-import ta’ hdax-il (11) kambjala ghall-valur ta’ mija u hmistax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm115.13c) liema kambjali gew iffirmati w accettati mill-

konvenuti u li minkejja li skadew id-dati ta' maturita' taghhom, baqghu ma thallsux.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu li l-ammont mitlub huwa wiehed inverosimili u li l-hdax-il (11) kambjala msemmija fit-talba fil-fatt gew imhallsa – sitta (6) fis-sena 2003 u ammont ulterjuri ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) permezz ta' kambjala datata 4 ta' Frar, 2005.

Illi ta' dan kollu ghandhom provi u xhieda kif ser johrog fil-kawza u li ghaldaqstant it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra li ghas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2005 dehru Dr Anthony Cutajar ghall-attur u l-konvenut Anthony Scicluna li nforma lit-Tribunal li l-avukata tieghu hija Dr Louise Anne Pulis.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2005 dehru Dr Anthony Cutajar u Anthony Scicluna u xehdet bil-gurament Mariolina Schembri. Il-kawza dakinhar thalliet ghall-provi tal-konvenuti ghall-4 t'Ottubru, 2005.

Ra illi fl-4 t'Ottubru, 2005 deher biss Dr Anthony Cutajar u la dehru l-konvenuti u lanqas l-avukata taghhom u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ra x-xhieda ta' Mariolina Schembri u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

L-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu elf mitejn u sitta u sittin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,266.43c) rapprezentanti l-import ta' hdax-il (11) kambjala. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi wara l-prezentata tal-kawza l-konvenuti hallsu hames mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm576) u fil-fatt fl-atti gew esebiti biss sitt (6) kambjalijiet originali li huma lkoll ghas-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm115.13c)-il wahda, liema kambjalijiet immaturaw bejn

it-23 ta’ Lulju, 2004 u t-23 ta’ Dicembru, 2004 u komplessivament jammontaw ghal sitt mija u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm690.78c).

Mix-xhieda ta’ Mariolina Schembri jissemma’ li l-konvenuti qed jallegaw li huma hallsu xi flus lill-kollettura ta’ l-attur, Sue Bartolo. La xehdet Sue Bartolo u lanqas ma xehdu l-konvenuti u ghalhekk l-ebda konkluzjoni ma tista’ tingieb minn din l-allegazzjoni. F’kull kaz ser tigi riservata l-pozizzjoni tal-konvenuti fil-konfront ta’ Sue Bartolo *si et quatenus*.

Illi ghalhekk it-talba ta’ l-attur tisthoqq li tigi akkolta limitament ghas-somma fuq imsemmija ta’ sitt mija u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm690.78c).

Stante li l-pagament ta’ hames mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm576) thallas fil-mori tal-kawza, dan m’ghandux ikollu rifless fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ sitt mija u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm690.78c) bl-imghax legali mid-data rispettiva ta’ kull kambjala u bl-ispejjez. Qed tigi riservata kull azzjoni li talvolta tista’ tkun spettanti mill-konvenuti fil-konfront ta’ l-imsemmija Sue Bartolo f’kaz li jirrizulta li saru xi hlasijiet lilha u li ma gewx ikkreditati fil-kont tal-konvenuti ma’ l-attur.”

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza bl-uniku aggravju illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat ghax wasal ghall-gudizzju tieghu minghajr ma sema’ x-xhieda kollha, *inter alia*, lil Sue Bartolo li kienet kollettrici tal-hlasijiet dovuti lill-attur;

Jidher mill-kontenut ta’ l-appell, kif impustat, illi l-appellanti qeghdin jissuggerixxu li gie lez lilhom id-dritt ta’ gustizzja naturali “*audi alteram partem*”. In effetti, bi premessi

ghall-aggravju taghhom huma jiddikjaraw li ghalkemm kienu prezenti barra l-awla fil-jum ta’ l-4 ta’ Ottubru 2005, destinat ghall-provi taghhom, ma ntebhux li l-kawza giet imsejha u kien ghalhekk li naqsu li jidhru. Dan l-avveniment irripeta ruhu fl-udjenza tat-13 ta’ Ottubru 2005, data li fiha giet pronunzjata s-sentenza;

Din il-Qorti tibda biex tirregistra b’ osservazzjoni preliminari illi huwa doveruz ghall-partijiet u anke ghall-avukati illi jattendu ghall-udjenzi. Jekk xejn, ghax fihom jinghataw provvedimenti u l-parti tkun konsapevoli tad-direttivi moghtija dwar l-andament tal-kawza u ghas-sikurezza u dixxiplina procedurali. Dan hu maggorment importanti fil-kaz tal-proceduri quddiem it-Tribunal adit, kif rifless mill-portata ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att V ta’ l-1995. Inghad a propozitu illi “l-attendenza fizika ghas-smigh - una volta l-parti tkun notifikata gustament bil-kawza - hija essenzjali u ma tigix sanata jew sodisfatta lanqas jekk ikun hemm risposta bil-miktub tal-konvenut li bija jopponi t-talba” - “**Emanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 22 ta’ Novembru 1996;

Akkoppjat ma’ din l-enuncjazzjoni hemm ukoll il-konsiderazzjoni illi mill-kostitwenti tieghu t-Tribunal adit, oltre li ghandu gurisdizzjoni limitata skond l-Att li kkrejah, ghandu skond il-kostituzzjoni tieghu d-dmir li jmexxi l-procedimenti quddiemu b’ mod sommarju u spedit. Ara Artikolu 9 (2) tal-Kapitolu 380. Minn dan isegwi li l-parti li volontarjament ma tidherx fl-udjenzi taghmel dan a riskju taghha. Opportunement, jigi mfakkar l-monitu tal-Qorti ta' l-Appell kollegjali illi jekk minhabba nuqqas tieghu l-konvenut jilbqa’ ma jgibx ‘il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom, “*imputet sibi*”. F’ dan is-sens huma s-sentenzi fl-ismijiet “**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***”, Appell Kummercjali, 13 ta’ Jannar 1975 u “**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997;

Inghad fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXIX P I p 395** illi biex ikollha gustifikazzjoni l-parti appellanti trid tipprova li hi sofriet privazzjoni ngustament, jigifieri mhux bi htija adebitabbli lilha, ghaliex allura f' dan il-kaz jissubentra l-applikazzjoni tal-principju "*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*";

Issa minn dak premess fl-appell devolut lil din il-Qorti ma tistax, bir-rispett, tirravviza l-ebda impediment legittimu jew gusta kawza biex ghal darba, darbtejn l-appellanti ma jidhrux quddiem it-Tribunal meta hekk imsejha. L-allegazzjoni li huma ma kienux midhla tal-Qorti hi fil-kaz konkret skuzanti inaccettabbli. Dan anke ghaliex fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2005 u tat-13 ta' Mejju 2005 huma ma naqsux milli hekk jattendu quddiem it-Tribunal meta msejha. Ara verbali a fol. 10 u 11 tal-process. Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jistax ragonevolment jinghad li huma ma kienux diga familjari ma' dak l-obbligu taghhom ta' komparizzjoni. Anke hawn ikollu jigi mfakkar illi, kif drabi ohra ritenut f' kazijiet ta' kontumacja, "*basta il rifiuto a comparire in giudizio*" biex jissussisti stat kontumacjali. Ara **Kollez. Vol. XXVI P I (III) p 277**. Biex jinghad kollox, imbaghad, kif sewwa rilevat mill-appellat fir-risposta tieghu ta' l-appell, huma messhom tempestivament attiraw l-attenzjoni tat-Tribunal permezz ta' l-appozitu rikors biex dan fuq l-istess raguni ta' l-allegazzjoni minnhom ventilata f' din is-sede, jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Lanqas ukoll ma tezisti ebda gustifikazzjoni fl-argoment sottomess illi l-appellat naqas milli jipproduci lix-xhud Sue Bartolo. Jekk l-appellanti riedu jsostnu d-difiza taghhom li ghamlu hlasijiet lil din kien certament fl-interess taghhom li jharrkuha biex din tikkorobora dak l-assunt taghhom. Dik il-kontro-prova minnhom sottomessa kellha tigi provata minnhom; fin-nuqqas, ikollha issib b' affermazzjoni r-regola l-ohra tad-dritt probatorju "*reus in excipiendo fit actor*";

In vista tar-rizerva ghaf-favur ta’ l-appellanti fis-sentenza appellata ghal dak li jista’ jiswielhom il-Qorti tirriferi ghad-decizjoni taghha moghtija fid-9 ta’ Novembru 2005 fil-kawza “**Sue Bartolo -vs- Antoine Vassallo**”. Mill-kumplament is-sentenza qed tigi kkonfermata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal adit. L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------